MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 896/2011

**Andre` Cauchi**
**(I.D. Nru. 122755 (M))**

**vs**

**NCT International Trading Ltd.**
**(C – 27546)**
**U**
**Walter Opitz**
**(detentur tal-passaport Germaniz bin-numru 2215060884)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur guramentat datat it-13 ta' Settembru, 2011, li permezz tieghu sintetikament espona s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti fuq indikat hu kreditur tas-socjeta` ntimata NCT International Trading Limited fis-somma ta' tlieta u tletin elf u disa' Ewro u tnejn u sebghin centezmu, (€33,009.72), komplessivament f'pagi u bonuses dovuti minnha lir-rikorrenti a tenur tal-kuntratt t'impieg datat l-14 t'Awwissu, 2002 u ghal taxxi u multi mposti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-impieg tal-istess rikorrenti mas-socjeta` ntimata;

2. Illi di piu`, l-istess socjeta` ntimata fuq indikata hi kreditrici tal-intimat Walter Opitz fis-somma ta' tlieta u hamsin elf, disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u sitt centezmi, (€53,988.06), liema ammont l-istess socjeta` ntimata naqset li tigbor mill-imsemmi ko-intimat Opitz;

3. Illi rizultat ta' dan, ir-rikorrenti fuq indikat qed igarrab pregudizzju serju billi ma jistax jigbor l-ammont lilu dovut mis-socjeta` ntimata fuq riferita;

4. Illi konsegwentement, in vista tal-artikolu 1143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-istess rikorrenti qed jesigi d-drittijiet tieghu ghal hlas lilu dovut kemm mis-socjeta` ntimata kif ukoll mill-intimati fuq rispettivament indikati;

5. Illi nonostante li debitament interpellati biex jeffettwaw il-pagament dovut, dawn l-intimati baqghu inadempjenti;

Illi in vista tal-premess l-istess rikorrenti fuq indikat aderixxa lil din il-qorti u konsegwentement qed jitlobha biex din:

1. Tikkundanna lill-intimati fuq riferiti biex flimkien u in solidum, ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tlieta u tletin elf u disa' Ewro u tnejn u sebghin centezmu, (€33,009.72), lilu dovuti kif fuq indikat;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti sal-effettiv pagament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkonstatat li n-notifiki necessarji gew debitament effettwati permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skont il-ligi;

Ikkonstatat ukoll li l-intimati fuq indikati, nonostante tali notifika, baqghu kontumaci;

Semghet lix-xhud prodott li kkonferma mill-gdid id-dikjarazzjoni tieghu u spjega aktar fid-dettal il-fatti relattivi;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-konferma guramentata fuq indikata u tal-kontumacja tal-intimati de quo, din il-qorti m'ghandhiex ragunijiet ghalfejn ma takkoljix it-talbiet tar-rikorrenti Cauchi;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-intimati fuq riferiti ghandhom in solidum ihallsu s-somma ta' tlieta u tletin elf, u disa' Ewro u tnejn u sebghin centezmu, (€33,009.72), dovuta lir-rikorrenti Cauchi fuq indikat;

2. Tikkundanna lill-istess intimati fuq riferiti biex ihallsu s-somma ndikata fil-paragrafu precedenti lill-imsemmi rikorrenti Cauchi;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mit-13 ta' Settembru, 2011, sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess imsemmija ntimati.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------